

Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

Talba ta' tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Georgios Toussas

P7_TA(2011)0524

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Georgios Toussas (2011/2057(IMM))

(2013/C 165 E/09)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Georgios Toussas, imressqa fid-9 ta' Frar 2011 mill-Imħallef Ilias Stavropoulos tal-Qorti ta' Prim'Istanza ta' Pireus, Taqsima 7, u mħabbra fis-seduta plenarja tad-9 ta' Marzu 2011,
 - wara li sema' lil Georgios Toussas fid-19 ta' Settembru 2011, skont l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,
 - wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008 u tad-19 ta' Marzu 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0410/2011),
- A. billi l-imħallef tal-Qorti ta' Prim'Istanza ta' Pireus, Taqsima 7, talab għat-tneħħija tal-immunità ta' Georgios Toussas, Membru tal-Parlament Ewropew, biex ikun jista' jwettaq il-proċeduri kriminali mibdija b'riżultat tal-istruzzjonijiet maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Pireus dwar allegat ksur ta' fiduċja li jirriżulta f'danni ta' aktar minn EUR 147 000 (l-Artikolu 390 tal-Kodiċi Kriminali Griega u l-Artikolu 1 tal-Liġi 1608/1950) u li għalih ħarġet ordni ta' inkjesta ġudizzjarja (l-Artikoli 246, 248 u 250 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali Griega),

⁽¹⁾ Il-Każ 101/63 Wagner v Fohrmann u Krier [1964] ECR 195; Il-Każ 149/85 Wybot v Faure u oħrajn [1986] ECR 2391; Il-Każ T-345/05, Mote v Il-Parlament [2008] ECR II-2849; Il-Każ magħqud C-200/07 u C-201/07 Marra v De Gregorio u Clemente [2008] ECR I-7929; Il-Każ T-42/06 Gollnisch v Il-Parlament (ĠU C 134, 22.5.2010, p. 29).

Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011

- B. billi l-imhalled bi ħsiebu jħarrek lil Georgios Toussas biex jixhed bħala l-akkużat f'din il-kawża u jwieġeb għall-akkużi msemmija hawn fuq li nġiebu kontrih skont l-Artikoli 270, 271 u 273 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali Grieg;
- C. billi għalhekk ikun xieraq li jirrakkomanda t-tneħħija tal-immunità parlamentari f'dan il-każ;
1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità parlamentari ta' Georgios Toussas;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Ellenika u lil Georgios Toussas.

Talba għall-ħarsien tal-immunità parlamentari ta' Luigi de Magistris

P7_TA(2011)0525

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Luigi de Magistris (2011/2076(IMM))

(2013/C 165 E/10)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba ta' Luigi de Magistris tal-31 ta' Marzu 2011, imressqa fil-plenarja tas-6 ta' April 2011, għall-ħarsien tal-immunità tiegħu bi rbit ma' proċedimenti legali pendenti quddiem il-Qorti ta' Napli, fl-Italja,
 - wara li kkunsidra s-sottomissjonijiet bil-miktub ta' Luigi de Magistris bi qbil mal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,
 - wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, tad-19 ta' Marzu 2010 u tas-6 ta' Settembru 2011⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0412/2011),
- A. billi Membru tal-Parlament Ewropew, Luigi de Magistris, kien talab għall-ħarsien tal-immunità parlamentari tiegħu fir-rigward tal-proċedimenti quddiem qorti Taljana,
- B. billi t-talba ta' Luigi De Magistris tittratta taħrika li saret kontrih quddiem il-Qorti ta' Napli fisem Bagnolifutura SpA, kumpanija bid-domiċilju tagħha f'Napli li taħdem fil-qasam tad-disinn u t-taqlib tal-ħamrija, f'konnessjoni mal-istqarrijiet għall-stampa maħruġa minnu u ppubblikati fil-websajt tiegħu,

⁽¹⁾ Il-Każ 101/63 Wagner v Fohrmann u Krier [1964] Ġabra 195; Il-Każ 149/85 Wybot v Faure et [1986] Ġabra 2391; Il-Każ T-345/05 Mote v Il-Parlament [2008] Ġabra II-2849; Il-Każ Magħqud C-200/07 u C-201/07 Marra v De Gregorio u Clemente [2008] Ġabra I-7929, u il-Każ T-42/06 Gollnisch v Il-Parlament (għadha mhux ippubblikata fil-Ġabra) u il-Każ C-163/10 Patriciello (għadha mhux ippubblikata fil-Ġabra).